# IZ-ZIFNA TAL-HALLIEL ORRIFIKUS

Guzeppi u Marija kienu ilhom jivvjaggaw u riedu jistriehu biex ikomplu l-vjagg lejn l-Egittu billi kienu qed jaharbu mis-suldati ta' Erodi li kienu qed ifittxu lit-tarbija Gesu' biex joqtluh.

Wara li striehu xi ftit Guzeppi qal lil Marija; " Ibqa' ftit hawn mistura mat-tarbija taht is-sigar tal-Palm sakemm immur nistaqsi lil nies tal-



kamp hemmhekk." U pponta subajgh biex jindikalha numru ta' kampijiet imwaqqfa flimkien, minn nies tad-dezert biex ikunu wens ghal xulxin. Kompla: " L-Egittu ma ghandux ikun il-boghod."

Marija ghamlet kif qalilha zewgha Guzeppi. Wara li Guzeppi kien tbieghed xi ftit, Marija nhasdet meta quddiemha rat lil Orrifikus, maghruf bhala l-halliel bla qalb tad-dezert. Qatt ma kienet ratu qabel ghalkemm semghet bih hafna minghand il-vjaggaturi li kienu jieqfu jistriehu gewwa Nazaret wara xi vjagg twil.

Orrifikus waqaf quddiemha, b'sebgha stalletti mdahhla bejn qaddu u c-cinturin. Fuq in-naha tax-xellug kellu mdendla xabla filwaqt li fuq spalltu kien qed igorr bastun ohxon li daqqa wahda bih kienet kapaci tmidd lill-vittma u ma thallihx jiehu nifs aktar.

" Ha Ha Ha," ghajjat Orrifikus filwaqt li dawwar darba darbtejn il-bastun fl-arja, bhallikieku jew taghtini dak li qed nitolbok jew noqtlok.

" Il-lejla t-tajba," qaltu Marija, " u jekk jghogbok mhux daqshekk tghajjat, ghax it-tarbija hija rieqda."



Il-kliem ta' Marija hasdu u hassu mkeccen quddiemha, izda billi ried juri li hu kien kap ta' dik is-sitwazjoni qalilha: " Jiena l-halliel Orrifikus u f'hajti ghamilt hafna delitti, qtilt u sraqt.."

" Alla jahfirlek," wegbitu Marija.

"Ara bla ma noqghod nitlef zmien, aghtini dak li ghandek prezzjuz, fidda, deheb, hagar prezzjuz, flus."

"Minn dan kollu ma ghandi xejn hlief ta' fuqi senduqi," wegbitu Marija.

"Mela allura ser nohodlok it-tarbija."

"Dan ma jirnexxilek qatt u qatt ghax ibni ghandu gwardja specjali," wissietu Marija.

F'dak il-mument il-halliel inhasad ghax sema' xi dahk qalb il-haxix gholi li kien idawwar is-sigra tal-Palm.  Kien l-anglu li kien qed jivvjaga ma' Gesu'. Meta Orrifikus rah qallu mghaddab: " Inti ma tibzax minni?"

Wegbitu Marija: " Hija Orrifkus, inti tassew bniedem tad-dahk."

Li sema' lil xi hadd jghidlu "hija" messitlu qalbu ghaliex hadd qatt ma sellimlu b'dak l-isem; kullhadd kien jahrbu u jibza' minnu hekk kif jarawh gej mill-boghod. U ghalhekk hassu onorat li xi hadd ma kienx qed juri biza' ghall-presenza tieghu.

" Ara, rega' bdieli; jiena ma ser nohodlok xejn. Anzi rrid naghti xi haga lit-tarbija tieghek izda ma ghandi xejn hlief oggetti misruqa, izda jekk joghgbok, jiena ser nizfinlhu wahda kif naf jien, " qalilha Orrifikus.

U Orrifikus zifen zifna li hadd qatt ma kien xhud taghha. Huwa xejjer saqajh 'l hemm u 'l hawn, lejn ix-xellug u lejn il-lemin, qisu cippipatu ser jaqa' u ma jaqghax imma jibqa' dritt idur u jkompli jdur. Kultant kien jibdel iz-zifna u joghla u filwaqt li jkun maqtugh mill-art imiss il-ponot ta' subajghta' saqajh b'idejh. Kien jieqaf u jwaddab fl-ajru s-sebgha stalletti u jerga' jilqaghhom wiehed wiehed.

B'tant hila u abilta' zifen il-halliel, li Marija baqghet imbellha ghall-mod li Orrifikus ta l-wirja tieghu ta' zfin. U anke l-anglu kustodju ta' Gesu' li sa ftit hin qabel kien mohbi qalb il-haxix, issa hareg jiggosta l-ispettaklu li kien qed joffri l-halliel lil Gesu' tarbija. Hekk kif Orrifikus temm iz-zifna tieghu, l-anglu capcap bhala sinjal ta' approvazzjoni.

Izda Orrificus ma setghax jara l-ferh fuq l-ucuh ta' Marija u l-anglu ghax dak il-hin stess, huwa waqa' fl-art bla nifs  ghajjien mejjet u raqad zobtu f'riglejn Marija.

Meta qam Guzeppi, Marija u t-tarbija kienu ilhom li telqu. Is-skiet u l-bahh li kien jirrenja madwaru hallewh jahseb ftit fuq dak li ghadda minnu. Fehem li garrab certu paci u serhan tal-qalb meta kien qed

jitkellem ma’ Marija bit-tarbija Gesu’ fi hdanha. Dik il-paci qatt ma hassha matul hajtu mqallba u mhawda. X’ser jaghmel?

Iddecieda li jhalli warajh il-hajja xellerata li min jaf kemm htija ta’ inkwiet gab lill- bosta nies u familji.

“Hekk niehu gost; jekk trid turi li verament hallejt hajtek warajk, kun ta’ ghajnuna ghal dawk fil-bzonn,” instema’ lehen jidwi fid-dezert.

Inhasad ghal dan il-kliem. Dar dawra madwaru, imma ma ra ‘l hadd. Xeghel bil-korla u ghajjat: “Uri lilek nnifsek, ja gifa,” filwaqt li qabad ix-xabla biex jiddefendu lilu nnifsu.

“ Inti lili ma tistax tarani. Inti tismaghni biss. Jien lehen il-kuxjenza tieghek. Biddel hajtek qabel ikun tard wisq.” Orrifikus ma fehem xejn izda ra li kien ikun iblah tassew jekk johodha kontra dak li mhux qed jara u allura ma jezistix.

Li fehem tassew Orrificus kien li jekk jabbanduna l-imghoddi, hajtu issir ahjar. Hu kompla jghix fid-dezert, qaxxar il-baffi, nehha l-imsielet, u ha sura gdida. Min kien jaqsam mid-dezert ma kienx jiltaqa’ ma’ Orrifikus l-ahrax, izda ma’ bniedem mibdul, lest li jghin u jilqa’ il-vjaggatur gewwa l-gharix tieghu taht il-palm.